# Bomba mad-Dar tal-Kappillan tas-Siġġiewi, 1916

Leonard Callus

Sebaħ is-Sibt 1 ta' Jannar 1916.

Il-qalba tal-Ewropa kienet ħuġġieġa waħda, maqbuda f'nofs il-Gwerra l-Kbira (1914-1918) fejn miljuni ħallew ħajjithom.

F'Malta ma kienx hawn ġlied u l-gwerra kienet tinħass primarjament fl-inħawi ta' madwar il-port u fl-isptarijiet. Fil-Belt, il-Furjana u l-Kottonera l-impatt tal-flotta Franċiża li kienet ibbażata Malta kien jinħass ħafna, waqt li l-isptarijiet kienu qed jimtlew b'eluf ta' feruti li kienu qed jaslu minn fuq il-front tal-gwerra, partikolarment mid-Dardanelli u Salonika.



*Dun Salv Chircop, Kappillan tas-Siġġiewi bejn l-1914 u l-1922. Fl-1 ta' Jannar 1916 tqiegħdet bomba mad-dar tiegħu. (Ritratt: L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta)*

Imqabbel ma' dan kollu, il-qagħda fis-Siġġiewi kienet kwieta.

Kif kienet tagħmel is-soltu, in-Nicolina Band[1] tas-Siġġiewi kienet se tmur għand il-kappillan[2] Dun Salvatore Chircop[3] u tagħtih l-awguri għas-sena l-ġdida.

Is-soltu kienet tagħmel marċ li jibda minn ħdejn l-istawa ta' nofs il-pjazza. Din is-sena ma kinitx se tagħmel hekk; il-bandisti kellhom jinġabru mal-ewwel maġenb id-dar tal-kappilan f'36 Strada Parroco.

Għas-7.30am bdew jaslu l-bandisti fosthom Ġużeppi Callus ta' 38 sena mlaqqam Ta' Callus, Mikiel Calleja mlaqqam Taċ-Ciantar, Karmnu Ciantar, Ġużeppi Griscti, Pietru Zammit u Ġużeppi Cutajar. Telgħu iż-żewġ tarġiet ta' quddiem il-bieb u bdew ilestu biex idoqqu. Il-kappillan beda riesaq lejn il-bieb biex jilqagħhom.

F'daqqa waħda, Pietru Zammit qal "hemm ballun warajna". Mikiel Calleja beda jgħajjat li kienet bomba. Ġużeppi Callus dar u ra bomba mgeżwra f'biċċa xkora madwar "pied u nofs (45 ċentimentru) mill-aħħar tarġa". Tbaxxa, poġġa l-istrument mal-art u qatgħalha l-miċċa.

Sadanittant xi ħadd niżel jiġri lejn il-pjazza u mar dritt l-Għassa tal-Pulizija[4]. Sab lill-kuntistabbli Ġużeppi Borg ta' 38 sena mix-Xewkija Għawdex u lis-surġent Alfredo Zerafa, imwieled il-Belt u joqgħod is-Siġġiewi. Flimkien telgħu jiġru lejn id-dar tal-Kappillan.

Is-surġent Zerafa ġabar il-bomba li issa kienet mitfija. Dun Salv talab lill-kuntistabbli Borg jifli sewwa lil min kien ġie għandu għax skont il-kappillan "il-bomba twaddbet issa".

Fil-frattemp Ġużeppi Callus għamel rapport l-Għassa dwar il-bomba.

X'ġara eżatt?

Ma jidhirx li l-aħbar ta' bomba mad-dar tal-kappillan tas-Siġġiewi kienet rapurtata fil-gazzetti ta' dak iż-żmien, probabilment għax ma splodietx. Madanakollu saret inkjesta maġisterjali mill-Maġistrat Annibale Fiteni[5] u mir-rapport tiegħu[6] nistgħu niġbru informazzjoni kemm dwar dan l-inċident kif ukoll dwar aspetti tal-ħajja fir-raħal mitt sena ilu.

L-inkjesta bdiet fit-3 ta' Jannar wara rapport li għamel l-Ispettur tar-raħal Andrew Caruana[7] wara r-rapport ta' Callus. Matul l-inkjesta, il-Magistrat Fiteni sema' x-xhieda tal-kappilan Dun Salvatore Chircop, ta' ħames bandisti, tal-assistent direttur tal-banda Nicolina, tal-kennies tar-raħal u ta' erba' persuni oħra li għaddew qrib jew kienu maġenb id-dar tal-kappillan fil-ħin tal-bomba.

Il-kappillan Chircop xehed li nhar l-Ewwel tas-Sena għall-ħabta tas-7.30 ta' filgħodu beda jaħseb biex imur ħdejn il-banda li kienet għadha kif ġiet għandu. Xi ħadd qallu li kien hemm bomba qrib il-bieb u kien hemm ukoll tifel li qal li kellha l-miċċa qed taqbad. Dun Salv stqarr mal-maġisitrat li kien ilu kappillan sena u nofs u li ma kellux għedewwa. Madanakollu ftakar li ġimagħtejn qabel, fid-19 ta' Diċembru kien għamel festin għax kien għalaq 25 sena qassis imma ma kienx stieden lill-bandisti għax ma kellux ħafna wisa' d-dar u fi kliemu "dan seta' qajjem xi ftit tas-sentiment kontrija"[8].

Warajh xehed Ġużeppi Callus. Qal li waslu għand il-kappillan qabel ma kien fetaħ il-bieb ta' barra. Waqt ix-xhieda tiegħu, għalkemm ikkonferma li qata' madwar xiber mill-miċċa ma setax jgħid fiż-żgur jekk din kinitx qed taqbad jew le. Huwa interessanti li fix-xhieda tiegħu, Callus tkellem dwar festin ieħor iżda li għalih kienu mistednin il-bandisti! Dan kien organizzat minn Dun Ġużepp Farrugia, in-neputi ta' Dun Mikiel Farrugia li kien kappillan tas-Siġġiewi qabel Dun Salv Chircop. Minn sorsi oħra nafu li r-relazzjonijiet bejn Dun Salv u Dun Mikiel ma kienu tajbin xejn u saħansitra spiċċaw bl-avukati bejniethom!

Dun Ġużepp Farrugia kienu għadu kif sar qassis u għalkemm ma kienx joqgħod is-Siġġiewi, kien ġie jiċċelebra quddiesa r-raħal fejn zijuh kien kappillan qabel Dun Salv. Saħansitra għamel festin nhar il-Milied filgħodu li għalih stieden lill-bandisti. Mix-xhieda tal-bandist Ġuzeppi


4.

H. 1. 916 ricevuto alle ore 9.30 am

Ufficio di Polizia
Casal Siggiewi 3 Gennajo 1916

Illmo Signore

Ho l'onore d'informarlo che nel 1mo di questo mese verso le ore 7. Io am Giuseppe Callus, di anni 58 figlio del fu Paolo. Io Callus del Siggiewi fece rapporto alla Polizia di questo distretto, d'aver trovato una bomba vicino le scale della casa del Molto Reverendo Parroco Salvatore Chircop il quale parroco abita in detta casa. Sembra che la summenzionata bomba era stata messa da persone ignote. La bomba non è stata esplosa e conseguentemente non ha recato alcun danno.

Tanto mi onoro d'essere
Vostro servo.
Andrea Caruana Ispettore

*L-ittra tal-Ispettur tas-Siġġiewi Andrew Caruana miktuba fl-Għassa tar-raħal lill-maġistrat sabiex jinformah bir-rapport ta' Ġużeppi Callus li sab bomba maġenb id-dar tal-Kappillan. (Ritratt: L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta)*

Callus nafu li ma kinux marru l-bandisti kollha iżda ma setax jgħid għalfejn ma marrux; huwa (Callus) qal li ma marx għax ma kellux "ilbies xieraq"[9].

Dwar dan il-festin xehed ukoll l-assistent direttur tal-banda Ġużeppi Saliba li ma kienx ħdejn id-dar tal-kappillan meta nsatbet il-bomba. Saliba qal li jaf li kienu mistednin il-bandisti kollha imma ma kienx mar kulħadd għax kienu mħabbtin, għalkemm kien hemm min mar jifraħ lil Dun Ġużepp wara nofsinhar. Huwa xehed ukoll safejn kien jaf hu, il-kappillan Chircop kien maħbub fis-Siġġiewi u ma jafx li kellu għedewwa.

Minbarra l-bandisti, fl-inkjesta xehdu nies oħra. Ir-Rabti Antonio Vassallo, li kien il-kennies tar-raħal, xehed li dakinhar għas-6.30am kien kines maġenb id-dar tal-kappillan u ma kien ra l-ebda bomba.

Iż-Żurrieqi Carmelo Griscti qal li huwa kien fil-bieb tal-parrukkier li kien hemm quddiem id-dar tal-kappillan. Xehed li sema' lil xi ħadd jgħid "hawn bomba", ħares u raha madwar pied 'il bogħod mill-aħħar tarġa tad-dar tal-kappillan. Ra wkoll lil Ġużeppi Callus jitbaxxa u jaqtgħalha l-miċċa. Griscti qal ukoll li kien wasal għand il-parrukkier madwar kwarta qabel waslet il-banda, imma ma setax jgħid jekk il-bomba kinitx hemm qabel waslet il-banda billi kien daħal ġewwa l-ħanut mill-ewwel.

Xhud ieħor kien Karmnu Vassallo mis-Siġġiewi. Huwa xehed li bejn is-7.00 u t-8.00am kien fuq l-għatba ta' ħanut maġenb id-dar tal-kappillan. Wara li kien ħa grokk, ittawwal u ra lill-kappillan fit-tieqa. Dak il-ħin kienu għadhom ma waslux il-bandisti, għalkemm kienu telqu mill-każin. Huwa ma kienx ta każ jekk kienx hemm xi ħaġa mal-art, imma jaħseb li kien jinduna li kieku kien hemm xi ħaġa.

L-uniku xhud mara kienet Margerita Zammit mis-Siġġiewi, mart Duminku. Għas-6.45am hija għaddiet minn quddiem id-dar tal-kappillan u rat biċċa karta safra, bħal dik li "jgeżwru z-zokkor fiha"[10]. Imma din ma kinitx bomba. Fil-fatt hija ħarġet mill-knisja qabel ma daqq l-Angelus tat-8.00am u rat kemm il-banda kif ukoll din il-karta fl-istess post fejn kienet ratha aktar minn siegħa qabel.

Ix-xhieda tar-Rabti Spiru Zammit, li kien ġie joqgħod is-Siġġiewi, tindika li din il-bomba kienet tqiegħdet qabel ma waslet il-banda. Fil-fatt Zammit xehed li għas-7.00am u qabel ma kienet waslet il-banda, wara li sema' l-quddiesa huwa kien miexi quddiem id-dar tal-kappillan u ra pakkett ċar u li minnu kienet ħierġa bħal spaga twila madwar 2 piedi (60 ċentimentru). Huwa ma tax kas, imma xi nofs siegħa wara sema' xi nisa jgħidu li kien hemm bomba maġenb id-dar tal-kappillan u qal bejnu u bejn ruħu li l-pakkett li kien ra kien bomba.

X'bomba kienet?

Il-maġistrat Fiteni qabbad lil Joseph Zammit[11] biex bħala espert tal-isplussivi jeżamina u jirraporta dwar din il-bomba.

Zammit issottometta rapport ta' 7 faċċati



*Il-Prokuratur Legali Joseph Zammit li kien inħatar mill-Qorti espert tal-isplussivi sabiex jeżamina l-bomba li saret mad-dar tal-Kappillan fis-Siġġiewi fl-1916. (Ritratt: L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta)*

fejn ikkonkluda li għalkemm ma kienx hemm ammont kbir ta' materjal splussiv, l-isplużjoni kienet tkun "qawwija ħafna"[12] li kieku spoldiet minħabba l-mod kif kienet magħmula.

Il-materjal splussiv kien kompost minn 72.5% klorat tal-potassju, 25% antimonju iswed u 2.5% kubrit li flimkien jagħmlu splussiv qawwi. Dan il-materjal kien imqiegħed fi flixkun tal-linka taċ-ċaqquf. Il-miċċa kienet imdaħħla fil-flixkun ma' biċċa fildiferru li mbagħad ingħalaq b'biċċiet tal-injam magħfusin sewwa. Dan il-flixkun kien imbagħad miksi bit-tafal f'forma ta' ballun u kien marbut sewwa b'madwar 5 metri spag. Kollox ġie mdawwar bil-qoton u mbagħad imgeżwer f'biċċa xkora. Jidher li l-miċċa kienet ta' kwalità ħażina; fil-fatt Zammit irraporta li meta prova jqabbadha, din intfietlu darbtejn. Min jaf kinitx din ir-raġuni li ma seħħitx traġedja fis-Siġġiewi mija u sentejn ilu?

Min u għalfejn għamel din il-bomba ma nstab qatt. Matul dak il-perjodu, tmiem is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20, kienu saru numru ta' bombi li b'xi mod kellhom rabta mal-knisja, anke għaliex il-knisja kienet istituzzjoni ċentrali, jekk mhux saħansitra l-unika waħda, fil-ħajja pubblika ta' Malta.

F'Marzu 1899 kient saret bomba mal-għassa tal-pulizija fl-Imdina b'rabta mal-inkwiet bejn il-parruċċani tal-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat u dawk tal-Imdina għax tal-ewwel riedu jkunu paroċċa għalihom u maqtugħa mill-Kattidral. Matul dan l-inkwiet saret bomba oħra mal-Palazz tal-Isqof fil-belt fl-1901 u oħra mal-Knisja tal-patrijiet ta' Ġieżu fir-Rabat. Fl-ebda każ ma kien hemm imwiet u qatt ma ġew solvuti; imma dawn waqfu meta l-paroċċa ta' San Pawl inqatgħet mill-Kattidral fl-1902. L-ewwel arċipriet tar-Rabat kien Dun Salv Chircop li fl-1914 sar kappillan tas-Siġġiewi u fl-1916 tqiegħditlu din il-bomba ma' daru.

Kien hemm ukoll bombi oħra, inkluż bomba mad-dar ta' pulizija fis-Siġġiewi fl-1919. Din id-darba il-bomba splodiet u għalkemm ma miet ħadd, kienet saret il-ħsara. Dwar dan l-inċident nikteb darb'oħra.



*Flixkun tal-linka taċ-ċaqquf tal-perjodu meta saret il-bomba mad-dar tal-Kappillan fis-Siġġiewi fl-1916. Dan il-flixkun, maħdum mid-ditta Doulton & Co, Lambeth, kien jintuża biex minnu jimtlew il-klamari. Probabilment, flixkun bħal dan kien użat fil-bomba tal-1916. (Ritratt: Leonard Callus)*

## Referenzi

[1] Dan huwa l-isem tal-banda skont ix-xhieda li ta Ġużeppi Saliba f'dan il-każ, fejn xehed ukoll li huwa kien l-assistent direttur ta' din il-banda. Jingħad li l-ewwel isem kien Società Filarmonica dei Dilettanti. Nafu fiż-żgur li erba' snin wara dan l-inċident, il-banda kien jisimha Circolo Zammit. Sal-1920 ma kien hemm l-ebda liġi għar-reġistrazzjoni tal-każini u dan kien qed joħloq tgergir mill-ħwienet tax-xorb li kienu qed isostnu li qed jitilfu mill-bejgħ għax dawn il-każini kienu qed ibigħu xorb bla kontroll u mhux lill-membri tagħhom biss. Allura ddaħlet liġi biex mill-1 ta' Marzu 1920 kull każin ried jirreġistra. Fl-ewwel reġistrazzjoni nsibu li fis-Siġġiewi kien hemm Circolo Zammit (Band Club) li kien frekwentat

min-nies "ta' klassi għolja u medja". L-indirizz tiegħu kienu 44A Strada Parroco, ftit bibien mid-dar tal-Kappillan.

[2] Sal-1960, il-paroċċa tas-Siġġiewi kienet immexxija minn kappillan. Fl-10 ta' Marzu 1960 dan ingħata t-titlu ta' arċipriet; l-ewwel wieħed kien Dun Alwiġ Deguara.

[3] Dun Salvatore Chircop twieled il-Belt Valletta fis-17 ta' Awwissu 1866. sar kappillan tas-Siġġiewi fl-1914. Serva wkoll bħala kapillan tar-Rabat (1902-1910) u ta' Raħal Ġdid (1910-1914; 1922-1828). Miet fil-25 ta' Jannar 1928.

[4] L-Għassa tal-Pulizija kienet fil-bini llum imsejjaħ Dar Ommna Marija.

[5] Annibale Fiteni inħatar maġistrat fis-7 ta' Frar 1899.

[6] *Reperto. Rinvenimento di una bomba al Siggieui vicino la casa del Parroco.* No 12 (13.1.16) jinsab fl-Arkivji Nazzjonali ta' Malta.

[7] Andrew Caruana laħaq spettur tal-pulizija fl-1 ta' Frar 1908.

[8] "Questo puo' aver suscitato qualche rancore contro di me." *Reperto. Rinvenimento di una bomba al Siggieui vicino la casa del Parroco.* No 12 (13.1.16), Arkivji Nazzjonali ta' Malta, pg 10.

[9] "Io non vi andai perchè non avevo vestiti decenti." *Reperto. Rinvenimento di una bomba al Siggieui vicino la casa del Parroco.* No 12 (13.1.16), Arkivji Nazzjonali ta' Malta, pg 13.

[10] "di quelle che usano per avvolgervi zucchero e simili". *Reperto. Rinvenimento di una bomba al Siggieui vicino la casa del Parroco.* No 12 (13.1.16), Arkivji Nazzjonali ta' Malta, pg 22.

[11] Joseph Zammit twieled il-Belt fil-5 ta' Awwissu 1868 u kien joqgħod il-Qrendi. Huwa kien Prokuratur Legali u kien imqabbad diversi drabi mill-Qorti bħala espert tal-isplussivi. Serva għal numru ta' snin bħala membru fuq il-Kunsill tal-Gvern.

[12] "l'esplosione sarebbe stata d'una detonazione tremenda." *Reperto. Rinvenimento di una bomba al Siggieui vicino la casa del Parroco.* No 12 (13.1.16), Arkivji Nazzjonali ta' Malta, pg 29.

Il-membri tal-Grupp tal-Armar jixtiequ jawguraw
il-festa t-tajba lis-Siġġiwin kollha
filwaqt li jirringrazzjaw lil kulħadd tal-appoġġ.


Sugar & Spice Take Away




Dr. Nicholas Zammit Street,
Siġġiewi
Tel: 2146 2670

Opening Hours
Tuesday – Sunday
6.00pm – 11.00pm



Bonello Household
Goods & Ironmongery

M.M. AZZOPARDI STR., SIĠĠIEWI
TEL: 21461320